**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 101/06**

**Illum: 5 ta' Frar 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Pierre Grech u Dennis Theuma)**

**vs**

**Victor Joseph Vella**
**ID: 20386(G)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Victor Joseph Vella ta' 20 sena, iben Carmel u Margaret nee` Azzopardi, imwieled ir-Rabat (Ghawdex), nhar id-9 ta' Jannar 1986 u residenti 'St. Joseph', Flat 4, Triq il-Qbajjar, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 20386(G);

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' April 2006, f'dawn il-Gzejjer:

a) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghat trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar il-15 ta' April 2006 dahlet informazzjoni kunfidenzjali lill-Pulizija li setghet kienet saret xi *deal* dwar droga gewwa Paceville, bhala rizultat ta' liema, l-istess Pulizija ppruvat tintercetta l-vettura suspettata wara li skopriet li din kienet sejra fid-direzzjoni tal-Mellieha. Fil-fatt din il-vettura ntlemhet fl-inhawi tal-*by-pass* tal-Mellieha u giet imwaqqfa ghall-habta ta' 9.50 p.m. Fl-istess vettura, kien hemm tliet guvintur – ossia x-xufier, certu Robert Leslie Corney u l-imputat odjern. Ghalkemm minn tfittxija li saret fuq il-post fuq il-persuna tal-imputat ma nstab xejn, izjed tard gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, instablu pakkett tal-*plastic* li kien fih 95 pillola, li waqa' mill-indumenti ta' taht tal-istess imputat waqt l-i*strip search* li saritlu.[1]

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech (a fol. 13 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PC 47 Christian Frendo (a fol. 19 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' SM 45 Marisa Bartolo (a fol. 30 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PC 599 Clive Mangion (a fol. 34 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PC 337 Mark Mercieca (a fol. 36 *et seq* tal-process).

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[2], jirrizulta illi l-istess espert inghata envelop kannella li fuqu kien hemm *sticker* bid-deskrizzjoni tal-esebit bhala '*Borza tal-plastik trasparenti li fiha 85 pillola ta' lewn abjad u karta bil-kliem: Data: 15/4/06 Hin: 10:30 pm Elevat/i minn: gol-qalziet ta' taht ta' Victor Joseph Vella fil-prezenza ta' Victor Joseph Vella minn: PC 599 PC 47 PC 377*". Inghata wkoll envelop iehor li fuqu kien hemm *sticker* bid-deskrizzjoni tal-esebit bhala "*Ghaxar fliexken zghar tal-plastik li fihom borza tal-plastik bit-trab tal-pilloli ta' Victor Joseph Vella li ntuzaw ghall-analizi*". Dan apparti esebiti ohrajn b'referenza ghal terza persuna ossia certu Robert Leslie Carney.

Skond l-istess relazzjoni, fl-estratti mehuda mill-pilloli (195 pilloli – 95 pilloli ta' Victor Joseph Vella u 100 pillola ta' Robert Leslie Carney) li gew analizzati, instabet is-sustanza <u>*3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dr. Martin Bajada, mahtur mill-Qorti f'dawn il-proceduri, sabiex jezamina d-dettalji li jistghu jinhargu minn zewg *mobile phones* esebiti mill-Ispettur Pierre Grech fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2006, esebixxa r-relazzjoni tieghu, li tinsab a fol. 29 tal-process.

L-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet fil-mori ta' din l-investigazzjoni ossia wahda fis-16 ta' April 2006, fid-8.45 p.m.[3] wara li gie moghti s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bhala prova u ohra fl-24 ta' April 2006 fl-10.25 a.m. ukoll wara li nghata din it-twissija.[4] L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.

Bhala xhieda in difeza, xehdu wkoll f'izjed minn okkazjoni wahda l-Ufficjal tal-*Probation* Miriam Sevasta[5], li rredigiet *Social Inquiry Report* fir-rigward tal-imputat[6] u rapport ta' andament u progress[7], Dun Manwel Cordina[8], Dr. Charles Cassar[9] u Dr. David Cassar[10], kif ukoll l-Ufficjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler[11] li rrediga *Social Inquiry Report* fir-rigward tal-imputat[12].

---

[2] A fol. 50 tal-process.
[3] A fol. 16 sa 18 tal-process.
[4] Esebita a fol. 66 u 67 tal-process.
[5] Ara x-xhieda a fol. 103 *et seq* tal-process u x-xhieda a fol. 113 *et seq* tal-process.
[6] Esebit a fol. 105 tal-process.
[7] A fol. 131*et seq* tal-process.
[8] A fol. 120 *et seq* tal-process u a fol. 154 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 122 *et seq* tal-process u a fol. 149 *et seq* tal-process.
[10] A fol. 126 *et seq* tal-process u a fol. 145 *et seq* tal-process.
[11] A fol. 158 *et seq* tal-process.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi f'dan il-kaz, id-difiza m'hijiex qeghda tikkontesta illi fuq l-imputat odjern instabu 95 pillola *ecstasy* – u *in ogni caso* mill-provi prodotti, dan jirrizulta ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi – izda qeghda ssostni illi dawn il-pilloli kienu ntizi biss ghall-uzu personali tal-istess imputat. Dak li qeghda tikkontesta d-difiza ghalhekk m'huwiex il-pussess tal-istess pilloli, izda l-pussess aggravat tal-istess.

Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*" U kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, "*meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati*".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

[12] A fol. 161 *et seq* tal-process.

Kif inghad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

" *... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li* normalment *wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101.*"

U kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Abela**, tat-8 ta' April 2005, mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tinghata raguni ghall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx gie ippruvat.

Issa f'dan il-kaz, in-numru ta' pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat ossia 95 pillola, kien certament wiehed sostanzjali, li normalment ma jigix assocjat ma' uzu esklussiv da parti tal-pussessur.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghall-istqarrijijiet rilaxxjati mill-imputat fis-16 ta' April 2006 u fl-24 ta' April 2006 rispettivament. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota illi ghalkemm fiz-zewg okkazzjonijiet, l-istess imputat ma nghatax id-dritt li jiehu parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, ghaliex dan id-dritt kien ghadu ma dahalx fis-sehh fiz-zmien in kwistjoni, biss l-istess imputat ikkonferma fl-intier taghhom dawn l-istqarrijiet matul ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri.

Fl-ewwel stqarrija tas-16 ta' April 2006, l-imputat jghid illi huwa student gewwa l-MCAST, in-Naxxar, li huwa guvni u jghix mal-genituri tieghu, gewwa x-Xewkija, Ghawdex. Jghid illi huwa jabbuza mill-*ecstasy*, li kien ilu jiehu l-*ecstasy* xi sena u li l-ahhar li kien ha l-*ecstasy* kien fil-*weekend* ta' qabel (l-imputat gie arrestat fil-15 ta' April 2006, li kien jahbat is-Sibt). Jghid ukoll illi huwa jiehu madwar ghaxar pilloli *ecstasy* kull *weekend*, imqassmin bejn il-Gimgha, is-Sibt u l-Hadd. L-imputat jikkonferma li fil-jum ta' qabel, qabel ma gie arrestat, wara nofsinhar huwa kien cempel lil certu Robert biex jghidlu jgiblu l-*ecstasy* u dan qallu biex jinzel Malta. Ghalhekk huwa nizel Malta, dan Robert mar ghalih ma' terz li huwa ma kienx jaf min hu u marru Paceville ghall-*ecstasy*. Huwa qghad fil-vettura flimkien mat-terz, fil-waqt li Robert nizel mill-vettura u mar igib id-droga. Wara

xi kwarta, Robert mar lura flimkien ma' guvni u dawn dahlu t-tnejn fil-vettura. Hekk kif imxiet il-vettura, Robert ta l-flus lil dan il-guvni, filwaqt li dan ghadda l-*ecstasy* lil Robert – parti f'borza u parti f'pakkett tas-sigaretti. Dak il-hin stess, Robert ta lill-imputat l-*ecstasy* li kienet fil-borza u hu tefaghha mill-ewwel fil-qalziet ta' taht. Wasslu lil guvni li pprovda d-droga ftit il-fuq mill-pjazza ta' San Giljan u komplew lejn ic-Cirkewwa, meta x'hin waslu l-Mellieha, gew imwaqqfa mill-pulizija. X'hin haduh id-*depot*, il-pulizija nezzawh u sabulu l-*ecstasy* li kien ghadu kemm xtara fil-qalziet ta' taht.

Mistoqsi kif kien jaf lil Robert, l-imputat wiegeb li kien iltaqa' mieghu fil-31 ta' Marzu ta' qabel gewwa *party* f'San Giljan u li apparti l-jum ta' qabel, huwa kien ipprova jiftiehem mieghu darb'ohra, matul il-gimgha ta' qabel sabiex dan igiblu mitt pillola *ecstasy*, ghaliex dan qallu li ried jiehu tal-inqas mitt pillola biex jehodhom bi prezz tajjeb. Madankollu, irnexxielhom jiftehmu fil-jum ta' qabel. Jghid illi huwa kellu jixtri mitt pillola *ecstasy* minghand Robert, izda stante li gie nfurmat mill-pulizija li kien hemm 95 pillola, huwa jghid li jahseb li nghata hamsa inqas. Jghid illi huwa hallas Lm250 lil Robert ghal dawn il-pilloli u mistoqsi kemm normalment jixtri pilloli *ecstasy* f'daqqa, jghid illi l-aktar li jixtri xi hamsa. Mistoqsi ghalfejn fil-jum ta' qabel ried jixtri mija f'daqqa, huwa wiegeb illi ghamel dan biex jiffranka Lm250. Jghid illi huwa jehodhom bil-prezz ta' Lm5 il-pillola u li ghalhekk 100 pillola jiswewh Lm500. Mistoqsi ghal min kienu l-pilloli, huwa jghid illi l-pilloli li sabu fuqu kienu ghalih u li dawn xtrahom biex iservuh Sajf shih. Meta gie ssuggerit lilu illi dawn il-pilloli kienu ghal haddiehor u li huwa nizel Malta biex igibhom ghal din il-persuna, huwa nnega dan.

Fit-tieni stqarrija tieghu tal-24 ta' April 2006, imbaghad, l-imputat jerga' jirrepeti dak li jghid fl-ewwel stqarrija tieghu, fis-sens illi Robert kien tah 95 pillola minflok mitt pillola u li kienet din id-darba biss li xtara dak l-ammont, ghaliex is-soltu l-izjed li kien jixtri kienu hames pilloli ghalih. Huwa rega' sostna li l-pilloli kienu ntizi ghalih.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2009[13], l-imputat jghid illi huwa student, li gradwa f'Dicembru ta' qabel u jistudja Malta. Jghid illi huwa ghandu erbat ahwa. Fir-rigward tal-kaz odjern u dak li wassal ghall-arrest tieghu, l-imputat jghid illi xi gimghatejn jew tlieta qabel, huwa kien qieghed f'*party* u ltaqa' ma' Robert Lesley Corney ossia l-persuna li kien mieghu meta gie arrestat mill-pulizija u dan qallu li jekk jixtri ammont kbir, seta' jiffranka l-flus. Dakinhar tal-arrest tieghu, kienu cemplu lil xulxin u ftehmu fis-sens li dan Robert

---

[13] A fol. 88 *et seq* tal-process.

talbu jinzel Malta biex jaghtih id-droga. Jghid illi dan gie ghalih b'vettura flimkien ma' terza persuna u hadu Paceville. Waqt li kienu hemm, Robert nizel mill-vettura, gab ragel iehor mieghu u dan tal-ahhar tahom id-droga. Jispjega illi Robert hallas lil dan ir-ragel u ghadda d-droga lilu (lill-imputat). X'hin kienu sejrin lura Ghawdex, inqabdu mill-pulizija waqt li kienu l-Mellieha. Jghid illi dak iz-zmien, huwa kien jiehu madwar ghaxar pilloli f'*weekend*, izda kien jixtri f'ammonti ta' hames pilloli ghalih bil-prezz ta' Lm5 il-wahda. Mistoqsi allura ghalfejn dakinhar xtara dan l-ammont kollu ta' pilloli, l-imputat jghid illi fl-ewwel lok, kien qed jibza' li jsiru jafu l-genituri tieghu "*peress li kont nixtri hamsa minghand dak u hamsa minghand l-iehor, ma min kont niltaqa' hemm hekk hux fil-parties. Il-genituri tieghi dejjem kienu nies ta' dixxiplina kbira u kont nibza' li jsiru jafu huma jew xi hadd minn huti u kont nibza' mill-konsegwenzi taghhom hux. U barra minn hekk ma stajtx nibqa' nixtri bil-Lm5 il-wahda. Biex nohrog kienet tigini mal-Lm40 hux. U hu kien qalli li naghtihomlok bin-nofs. Imbaghad infatti kont hadthom Lm250*"[14], minflok Lm500. Jghid ukoll illi dan Robert kien qallu li ried jixtri tal-inqas mitt pillola biex jaghtihomlu b'dak il-prezz.

Mistoqsi mill-gdid dwar il-pussess ta' dawn il-pilloli, l-imputat rega' qal hekk: "*Jiena din kienet l-ewwel darba u xtrajt dak l-ammont sempliciment biex ma noqghodx niccappas ma' dak u ma' l-iehor. Ghawdex post zghir, kulhadd jaf lil kulhadd u kont nibza' li jew isiru jafu l-genituri tieghi jew xi hadd minn huti u kont nibza' minnhom hux*".[15]

Jghid ukoll illi huwa xtara dawn il-pilloli biex jghaddi Sajf bihom u li kienu sempliciment ghalih. Jinnega li huwa qatt ta xi droga lil haddiehor jew li kellu l-hsieb li jaghti d-droga lil haddiehor u jerga' jghid illi ghamel hekk biex ma jiccappasx ma' hafna nies u ghalhekk izjed u izjed ma kienx ser iqassam droga. Jghid illi kemm fiz-zmien tax-xhieda tieghu, kif ukoll fiz-zmien tal-kaz, huwa kien jghix Malta flimkien ma' studenti ohrajn, li kienu jghixu xi erba' studenti flimkien gewwa l-appartament tal-genituri tieghu u li ghal dan l-appartament ma kienx ihallas flus. Jghid illi dak iz-zmien, peress illi kien student Ghawdxi, huwa kien jinghata sussidju mill-Gvern, fis-somma ta' madwar Lm45 fix-xahar, li kienu jircievu somma kull tliet xhur, izda peress illi dak iz-zmien kien ghadu fl-ewwel sena, kien ircieva somma ta' sitt xhur f'daqqa li kienet tammonta ghal madwar Lm150. F'dan ir-rigward, l-imputat esebixxa dokument[16] li juri illi fil-31 ta' Jannar 2006 kien hareg pagament ta' Lm150 favur tieghu, liema pagament huwa deskritt bhala pagament ta' sussidju mahrug mill-Ministeru ghal Ghawdex lil

[14] A fol. 90 tal-process.
[15] A fol. 91 tal-process.
[16] Dan jinsab esebit a fol. 100 tal-process.

studenti universitarji Ghawdxin u li dan il-pagament kien ikopri x-xhur ta' Ottubru, Novembru u Dicembru 2005. Jghid illi l-parti l-kbira mis-somma ta' Lm250 li hallas ghad-droga gabhom minn dan is-sussidju, li kellu wkoll l-istipendju u kien jaghmel xi saghtejn jghin lil huh gewwa l-ufficcju tieghu specjalment il-Gimgha fil-ghaxija x'hin jinzel Ghawdex u s-Sibt kien jaghmel il-gurnata kollha u ghalhekk hallas ukoll bil-flus li seta' jfaddal minn dan ix-xoghol. Jghid ukoll illi huwa ma kien qal lil hadd li kien jiehu d-droga, lanqas lil hutu. Kien jixtri d-droga dejjem ghalih biss u jghid illi anke meta kien jehodhom, huwa kien jitwarrab ghalih biex ma jarah hadd.

L-imputat jghid ukoll illi wara din l-esperjenza, bl-ghajnuna tal-familja tieghu, huwa hareg minn din il-problema, li haduh ghand psikjatra, Dr. Cassar u minn dak in-nhar ma missx izjed droga. Jghid ukoll illi ghamel programm gewwa l-Oasi, f'Ghawdex.

B'referenza ghall-istqarrijiet rilaxxjati minnu, l-imputat jghid illi hemmhekk huwa kien qal il-verita` u kkonfermahom bil-gurament. Jghid illi qatt ma kellu problemi mal-pulizija qabel dan il-kaz u li dan kien l-ewwel arrest tieghu. Jerga' jghid illi b'hames pilloli kien jghaddi lejl u allura kien jixtri hamsa u jerga' jsostni li dawn il-pilloli kienu ghalih biss u ghal hadd izjed.

In kontro-ezami, l-imputat jghid illi qabel din l-okkazzjoni, huwa kien jixtri d-droga minghand persuni differenti li kien jiltaqa' maghhom fil-*parties.* Jghid ukoll illi l-pilloli kienu nghataw lilu fil-jum stess li nqabad bihom u mistoqsi jekk kienx hemm xi festi vicin is-16 ta' April 2006, jghid illi ma jafx u ma jiftakarx.

In ri-ezami, huwa jghid illi huwa kien jinzel frekwentement Malta ghall-iskola u li kien jitla' Ghawdex ta' spiss ukoll u li kien iqatta' l-*weekends* kemm f'Malta, kif ukoll f'Ghawdex.

Xehdu wkoll bhala xhieda tad-difiza, Salvatore Azzopardi u John Tabone. Azzopardi jghid illi ghamel zmien jghix fl-istess appartament mal-imputat meta kien student. Huwa jinnega li f'dan l-appartament qatt marru xi nies ihabbtulu jew ifittxuh jew jistaqsu ghalih u li kienu jcemplulu biss ommu u hutu meta rrisponda t-telefon hu.[17] Tabone jghid illi huwa jaf lill-imputat peress illi kien jghix mieghu fl-istess appartament meta kien ghadu student u jghid illi gieli kienu jkunu tlieta u gieli erbgha u gieli anke izjed. Jghid illi kemm dam hemm hu, qatt ma marru nies jistaqsu ghalih u li kull meta qabad it-telefon hu u t-telefonata kienet ghall-imputat,

[17] A fol. 107 *et seq* tal-process.

kienet tkun ommu. Jghid illi lilu l-imputat qatt ma offrielu affarijiet illegali. Jghid illi huwa telaq minn dan l-appartament f'Dicembru tas-sena 2005, izda l-imputat kien jghix mieghu ghal madwar sentejn. Jghid illi qatt ma kien hemm inkwiet da parti tal-imputat u li jafu bhala bniedem tal-affari tieghu.[18]

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi ghalkemm l-ammont ta' pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni, huwa certament ammont sostanzjali, wara li l-Qorti hasbet fit-tul u fliet bir-reqqa l-provi mressqa quddiemha, jidhrilha illi ma tistax tasal sal-konvinciment morali illi dawn il-pilloli ma kinux intizi ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Jibda biex jinghad illi kemm fiz-zewg stqarrijiet rilaxxjati minnu, kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, l-imputat baqa' kostanti fil-verzjoni tieghu, zamm ferm maghha u dejjem sostna li l-pilloli kienu intizi biss ghall-uzu personali tieghu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis ukoll illi fiz-zmien tal-arrest tieghu, l-imputat kien guvni ta' ghoxrin sena, b'fedina penali netta u li ghalhekk din kienet ghalih l-ewwel esperjenza ta' interrogatorju u tal-ambjent li dan igib mieghu. Ma jistax jinghad illi l-imputat, minhabba xi precedenti kriminali, kien jaf kif ghandu jwiegeb u x'ghandu jghid. Minkejja dan, l-imputat mill-ewwel ta l-verzjoni tieghu dwar dak li wassal sabiex huwa jixtri l-pilloli in kwistjoni, wiegeb ghad-domandi kollha li sarulu u sostna li l-pilloli kienu intizi biss ghalih.

Dwar il-verzjoni tal-imputat ossia illi din kienet l-ewwel darba li xtara ammont tant kbir ta' pilloli u li ghamel dan sabiex jiffranka l-flus, kif ukoll illi huwa ma riedx jibqa' jixtri minghand persuni differenti bir-riskju li jsiru jafu l-genituri tieghu li kienu juru dixxiplina fil-konfront tieghu jew hutu, il-Qorti ssib din il-verzjoni kredibbli u verosimili. Apparti li kif inghad l-imputat baqa' jzomm ma' din il-verzjoni, il-Qorti tqis ukoll ix-xhieda ta' Dr. Charles Cassar ossia l-psikoterapista li beda jsegwi lill-imputat f'Mejju tas-sena 2008 ossia sentejn wara dan il-kaz, li jghid illi l-familja kienet kollox ghall-imputat, li kienet familja b'valuri stretti u li kien iqabbel ruhu ma' hutu, kif ukoll ix-xhieda ta' Dun Manwel Cortis li jghid illi l-imputat kien gej minn familja kwieta. F'dan is-sens, ghalhekk in vista tal-fatt illi l-imputat huwa kkorroborat mill-professjonisti li kienu qeghdin isegwuh fid-deskrizzjoni li huwa jaghti tal-familja tieghu u anke tal-mod kif huwa kien ihares lejn familtu, il-Qorti jidhrilha li l-istess imputat huwa kredibbli meta jghid illi

[18] A fol. 110 *et seq* tal-process.

huwa ma riedx jibqa' jixtri d-droga minghand persuni differenti u dan sabiex ma jsirux jafu l-genituri tieghu jew hutu li huwa jikkonsma d-droga.

Il-Qorti qieset ukoll ir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada li tikkontjeni *inter alia* l-messaggi fl-*inbox*, kif ukoll il-messaggi mibghuta mill-*mobile* tal-marka Nokia li gie esebit mill-Ispettur Pierre Grech fix-xhieda tieghu. Issa ghalkemm mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax minn fejn gie elevat dan il-*mobile*, biss m'hemmx dubbju illi dan kien il-*mobile* tal-imputat u fil-fatt apparti li numru ta' messaggi huma ndirizzati lil 'Vic' meta l-imputat odjern jismu Victor, fl-*inbox* hemm ukoll messaggi mibghuta lilu fil-15 ta' April 2006 min-numru 79391568 - wiehed fit-19:47:32 bil-kliem "*Im nearly here mate. Ok*" u iehor fid-20:45:35 bil-kliem "*Ejja come*". Dan in-numru huwa mnizzel fil-*Phone Book on SIM Card* hdejn l-isem 'Roby'. Issa skond l-imputat il-persuna li ghaddietlu d-droga fil-jum in kwistjoni kien certu Robert, li kien ghadda ghall-istess imputat ftit tal-hin qabel ma ghaddielu l-istess droga u fil-fatt jirrizulta mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni illi fil-vettura li fiha kien jinsab l-imputat meta din giet imwaqqfa, kien hemm ukoll certu Robert Leslie Corney. Jekk wiehed jikkunsidra l-hin li fih twaqqfet il-vettura ossia ghall-habta tal-9.50 p.m. skond ix-xhieda ta' PC 47 Christian Frendo, jidher illi dawn il-messaggi ntbaghtu proprju minn Robert Leslie Corney lill-imputat. Il-Qorti fliet bir-reqqa l-messaggi kollha fl-*inbox*, kif ukoll dawk mibghuta u ghalkemm hemm numru sostanzjali ta' messaggi, ma ssib xejn fihom li jista' jwassalha ghall-konkluzjoni li dawn kienu relatati ma' ftehim dwar droga jew bejgh tal-istess.

F'dan il-kuntest tqis ukoll ix-xhieda ta' Salvatore Azzopardi u John Tabone li kienu jghixu mal-imputat gewwa appartament f'Malta meta kienu studenti. Ghalkemm Azzopardi ma jindikax iz-zmien li fih huwa kien jirrisjedi f'dan l-appartament, biss Tabone jghid illi huwa kien jghix mal-imputat sa Dicembru 2005 ossia erba' xhur qabel sehhew il-fatti mertu ta' dan il-kaz u li f'dan iz-zmien, ma ra xejn li seta' jqanqal suspett fl-istess imputat bhal per ezempju nies jistaqsu ghalih jew icemplulu.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat jghid illi huwa kien jiehu madwar ghaxar pilloli f'*weekend*, bejn il-Gimgha, is-Sibt u l-Hadd u li ma setax jibqa' jixtri l-pilloli bil-Lm5 il-wahda, ghaliex kien qed jonfoq wisq flus kull darba li johrog. Issa dwar il-kwantita` ta' pilloli *ecstasy* li kien jikkonsma, l-imputat ma ressaq l-ebda prova ohra ghajr dak li ntqal minnu kif inghad. Biss skond Dr. David Cassar ossia l-psikjatra li beda jsegwi lill-imputat ftit jiem wara li sehh il-kaz, fl-20 ta' April 2006, huwa sab lill-imputat fi stat ta' anzjeta` qawwija u sekondarjament fi

stat ta' dipressjoni u kien car ghalih li dan l-istat ma kienx rizultat tat-trawma li kien ghaddej minnha dak iz-zmien ossia minhabba l-kaz odjern, izda l-problema kienet bdiet konsiderevolment qabel. Skond l-istess psikjatra, mill-evalwazzjoni tieghu rrizulta car li l-imputat kien ghadu f'eta` dghajfa ta' ghoxrin sena u fis-snin ta' qabel kien ghadda minn zmienijiet difficli, stante li kien wehed mill-*'A' Levels* u meta rega' ghamilhom, rega' wehel. Ghalih dan kien trawmatiku u kien f'dan il-kuntest li l-imputat beda jaghmel uzu minn sustanzi illeciti. Ghalhekk huwa tah il-kura ta' *anti-depressants* kemm ghad-*depression*, kif ukoll ghall-anzjeta`. Jghid ukoll illi fil-bidu huwa kien jarah ta' spiss, stante li l-anzjeta` tal-imputat kienet wahda qawwija u ghamel ukoll programm mal-Oasi ghar-rijabilitazzjoni. F'dan ir-rigward xehed ukoll Dun Manwel Cordina li kkonferma li huwa kien jara lill-imputat bi frekwenza ta' darba fil-gimgha, specjalment matul l-ewwel sena wara li sehh il-kaz. Fl-istess sens xehed ukoll Dr. Charles Cassar, psikoterapista li beda jsegwi lill-imputat ghall-habta ta' Mejju 2008 ossia sentejn wara li sehh il-kaz. Jghid illi l-imputat kien ragel misthi hafna, li gej minn familja ta' valuri stretti, kien iqabbel ruhu ma' hutu u fit-tfulija tieghu, kien ihossu inferjuri hafna. Jghid illi kien wehel mill-ezami tal-Ingliz u dan kien ta' dispjacir kbir ghalih ghaliex ma setax ikompli fil-karriera li xtaq. Jghid ukoll illi l-imputat nizel Malta u beda jhawwad fil-korsijiet, fis-sens li daqqa jiehu wiehed u daqqa iehor u kien ghadu ma stabilixxiex ruhu. Kien joqghod wahdu u cioe` il-boghod mill-familja u allura kellu trawma fis-sens illi "*he did not prove himself*" mal-familja u trawma ghaliex kien maqtugh minnhom u kien f'dan il-kuntest li kien jiehu d-droga biex ihossu tajjeb. Jghid ukoll illi bil-kura medika li tah il-psikjatra, giet ikkontrollata l-*craving* li huwa jerga' jmur lura ghal sustanzi illeciti, li l-imputat kellu karattru fragli hafna u jemmen li l-karattru tieghu ta' dghjufija, misthija u *guilt* ma kienx tali li kien ser joqghod gej u sejjer biex jixtri d-droga bir-riskju li jinqabad.

Da parti tieghu Dun Manwel Cordina, li wkoll beda jsegwi lill-imputat ftit taz-zmien wara li sehh il-kaz, ukoll jghid illi l-imputat kien imrobbi f'familja kwieta, li l-kultura tieghu kienet kultura riservata u li kien ghaddej minn zmien li jghaddu hafna zghazagh ohra Ghawdxin, li meta jaqsmu ghal Malta iridu jfendu ghal rashom u li dan il-kaz sehh fi zmien ta' tfixkil ghall-imputat, anke in kwantu decizjoni jekk ikomplix bl-istudji tieghu.

Il-Qorti tqis illi fil-kuntest tas-sitwazzjoni u c-cirkostanzi li kien jinsab fihom l-imputat fiz-zmien in kwistjoni, kif ukoll fil-kuntest tal-istat emozzjonali u psikjatriku tieghu fl-istess zmien, m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita illi effettivament huwa kien jabbuza mill-*ecstasy*. Tqis ukoll illi wara l-arrest tieghu, l-imputat ghamel zmien jattendi sessjonijiet ma' Dun Manwel Cordina, fi hdan l-Oasi, ghal skopijiet ta' rijabilitazzjoni, liema sessjonijiet kienu anke jkunu

frekwenti fil-bidu, li jkompli jikkonferma kemm fil-fatt l-imputat kien jabbuza mill-*ecstasy*. In oltre skond l-imputat stess, huwa kien ilu jabbuza mill-*ecstasy* ghal madwar sena u ghalhekk ma kienx ghadu kif beda jaghmel uzu minn din id-droga, fejn allura wiehed jista' jiddubita kemm effettivament il-vizzju kien wiehed serju. Dan kollu, fil-fehma tal-Qorti, jirrendi verosimili l-verzjoni tal-imputat illi huwa kien jiehu regolarment minn dawn il-pilloli.

Il-Qorti qieset ukoll illi fiz-zmien in kwistjoni l-imputat odjern kien ghadu student, li dak iz-zmien kien jircievi stipendju u s-sussidju li l-Gvern kien jaghti lil studenti universitarji Ghawdxin u fir-rigward tal-ahhar sors ta' introjtu prezenta wkoll dokument li juri dan. Skond l-istess imputat, fil-*weekend* huwa kien jaghmel ukoll xi xoghol gewwa l-ufficju ta' huh. Ghalkemm l-imputat ma ndikax fid-deposizzjoni tieghu x'kien idahhal minn dan ix-xoghol u d-difiza lanqas ma tellghet lil huh sabiex jikkonferma li l-imputat kien jaghmel xi xoghol mieghu, il-Qorti mill-banda l-ohra qieset ukoll illi mill-messaggi kontenunti fil-*mobile* tal-imputat jidher illi huwa kien jindahal biex jikri proprjetajiet lil terzi f'Ghawdex. Hekk per ezempju, messagg fl-*inbox* datat 9 ta' April 2006 min-numru 79210190, jghid hekk: "*Can you lend me that flat of qbajjar for tom. I pay you*". U messagg iehor mill-istess numru fil-11 ta' April 2006: "*Aw siehbi, l gimgha ha tkun awdex halli nhalsek tal flat?*". Messagg iehor datat l-10 ta' April 2006 min-numru 99423957 jghid hekk: "*Xfiha l farmhouse pls*" u iehor mill-istess numru fil-11 ta' April 2006: "*How many bedrooms, baths and where is it*?". Messagg mibghut mill-istess *mobile* lin-numru 99849519 fid-9 ta' April 2006 jghid hekk: "*Aw man skuzani tali it tardjajt! Dawk andna available. Al 8 persons tigikom lm70 u ghall 10 persons tigi 80. Bil pool qeda ghajnsielem u andkomm kollox gdid*" u messagg iehor lill-istess numru fl-istess data: "*Fidejk man! Jek tkun trid tarah qabel cemplilli u nihdok sa hemm!*". F'dan il-kuntest, il-Qorti qieset illi l-imputat jghid illi huwa xtara l-pilloli in kwistjoni bil-prezz ta' Lm250, prezz illi m'huwiex zghir meta wiehed jikkunsidra li huwa kien ghadu student. Biss tenut kont tax-xhieda tieghu fejn huwa jghid illi huwa hallas parti kbira minn dan l-ammont mis-sussidju ta' Lm150 u tenut kont ukoll illi l-imputat jidher li kellu forma ohra ta' introjtu, apparti l-istipendju, meqjus ukoll il-fatt illi huwa ma kienx ihallas kera ghall-appartment li fih kien jghix f'Malta stante li dan kien tal-genituri tieghu, kif ukoll illi ma jirrizultax mill-atti illi l-imputat qatt akkwista *ecstasy* f'dawn l-ammonti qabel din l-okkazjoni, il-Qorti tqis illi huwa verosimili illi l-imputat seta' jixtri ammont ta' pilloli b'dan il-prezz ghall-uzu tieghu.

Imbaghad, fl-ahharnett il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt illi fuq il-persuna tal-imputat, ma nstab xejn izjed, ghajr ghall-pilloli in kwistjoni. Tqis ukoll illi ma jidhirx li saru tfittxijiet fir-residenzi tieghu gewwa Malta jew Ghawdex, jew jekk

dawn saru, ma jirrizultax illi fihom instab xi haga illegali jew li jista' jqajjem suspett fl-imputat. Ghalhekk apparti l-pilloli, la nstabu xi flejjes u lanqas per ezempju xi notamenti li jistghu jaghtu indikazzjoni li l-imputat kien involut fil-bejgh tad-droga.

Ikkunsidrat dan kollu, minkejja l-ammont sostanzjali ta' pilloli li nstabu fil-pussess tal-imputat, il-Qorti ma tqisx illi a bazi ta' dan l-ammont, jista' jintqal minghajr ebda dubju ragjonevoli illi dan necessarjament jindika illi d-droga hekk misjuba kienet intiza ghal spacc lil terzi. F'dan il-kaz, il-Qorti ghandha dak il-*lurking doubt* li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-imputat. Ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex sodisfatta illi l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tirrizulta ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, ossia dik li tikkontempla l-pussess semplici tal-pilloli *ecstasy*, m'hemmx dubju illi din tirrizulta ppruvata.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat in kwistjoni, liema fedina penali kienet wahda netta u li skond il-fedina penali, kif aggornata sa Ottubru 2013, huwa nstab hati ta' reat kontravvenzjonali.

Il-Qorti ma tistax ma tqisx in-numru sostanzjali ta' pilloli involuti f'dan il-kaz u hija wkoll konxja mill-fatt illi nghataw diversi sentenzi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sens illi ammont konsiderevoli ta' droga xorta wahda jipprezenta perikolu ghal terzi u ghaldaqstant, bhala regola, tali ammont ghandu jgorr mieghu piena ta' prigunerija.

F'dan is-sens fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"*Jibqa' pero` il-fatt inkwjetanti tal-ammont ta' droga involuta, ammont li fih inniffsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista' facilment jiddeciedi li, flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma' haddiehor*."

Ghalhekk, f'dak il-kaz il-Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex tinfliggi piena karcerarja effettiva.

U kif qalet ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-13 ta' Ottubru 2009, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David John Buttigieg**:

"*…l-ammont involut, billi kien wiehed konsiderevoli, xorta wahda kien jipprezenta perikolu ghal terzi, ghax dejjem ikun hemm il-perikolu li min ikollu dik il-kwantita` jista' jasal biex joffri, anke jekk minghajr hlas, xi ftit minnha lil haddiehor li jkun hekk imhajjar. Fi kliem iehor, il-fatt li jkun hemm pussess semplici (cioe` mhux aggravat) izda ta' ammont sostanzjali ta' droga, ghandu, bhala regola, igorr mieghu xorta wahda l-piena ta' prigunerija*".

Fil-waqt illi din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb, fl-istess hin jidhrilha wkoll illi kull kaz irid jigi determinat a bazi tac-cirkostanzi partikolari tieghu. Il-Qorti qieset illi fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, kif ukoll f'kazijiet ohrajn fejn il-Qrati segwew l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'dik is-sentenza, bhal per ezempju, is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Glenn Busuttil**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar 2009, il-fedina penali tal-appellanti f'dawk il-kazijiet, kienet wahda refrattarja u l-Qorti, fiz-zewg kazijiet, ghaddiet biex tinfliggi piena karcerarja effettiva.

Ghall-kuntrarju, kif inghad izjed il'fuq, il-fedina penali tal-imputat fil-kaz odjern kienet wahda netta u baqghet hekk tista' tghid matul dawn is-snin kollha, hlief ghal reat kontravvenzjonali li l-imputat jidher li kkommetta qabel iz-zmien mertu ta' dan il-kaz u dan, ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, huwa fattur importanti li jrid jittiehed in konsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-piena.

F'dan il-kaz il-Qorti m'hijiex tiehu qies tat-trapass taz-zmien u dan stante li d-dewmien f'dawn il-proceduri kien dovut ghad-difiza tant illi l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-27 ta' Gunju 2008, fil-waqt illi d-difiza ghalqet definittavament il-provi taghha fl-4 ta' Frar 2015. Biss il-Qorti ma tistax ma tqisx il-progress li ghamel l-imputat matul is-snin, kif xehdu d-diversi professjonisti li segwewh, u kif jirrizulta wkoll mill-ahhar *Social Inquiry Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler u dan fis-sens illi l-imputat ilu zmien twil ma jaghmel uzu mid-droga, li baqa' f'kuntatt mal-professjonisti li jsegwuh, li spicca l-istudji tieghu u jahdem f'kumpanija tieghu stess u jghix hajja stabbli.

Il-Qorti tqis ukoll illi fit-trattazzjoni taghha, id-difiza ssottomettiet illi f'dan il-kaz, ghalkemm il-Prosekuzzjoni ma ddikjaratx li ghandu japplika l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta (kif rez applikabbli ghall-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Artikolu 120A(2B) tal-istess Kapitolu), jista' jigi applikat dan l-

artikolu stante illi l-imputat kien indika minn fejn kien akkwista l-pilloli mertu ta' dan il-kaz.

L-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs*".

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-2 ta' Awwissu 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Mifsud**, "*biex persuna tibbenefika mir-riduzzjoni ta' grad jew tnejn fil-piena ta' prigunerija (u riduzzjoni ta' terz jew nofs fil-piena pekunjarja) skond l-imsemmi Artikolu 29 mhux bizzejjed li dak li jkun isemmi l-persuna minn ghand min ikun xtara d-droga; irid jirrizulta li b'dik l-informazzjoni l-akkuzat ikun effettivament ghen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna. Jekk minkejja dik l-informazzjoni l-pulizija ma jkollhiex provi bizzejjed biex tressaq lill-persuna indikata l-qorti, jew jekk dik il-persuna indikata tkun diga` inqabdet mill-pulizija qabel ma tissemma mill-akkuzat, ma jkunx jista' jinghad li l-akkuzat ikun ghen lill-pulizija sabiex taqbad lil dik il-persuna ...*".

F'dan il-kaz jidher illi minkejja illi l-imputat provda informazzjoni dwar il-fornitur tieghu, jirrizulta wkoll mill-atti illi l-istess persuna nqabdet mill-pulizija fl-istess hin li nqabad l-imputat, ghaliex dawn kienu jinsabu fl-istess vettura. Ghalhekk indipendentement mill-informazzjoni li pprovda l-imputat, tali persuna diga` kienet inqabdet mill-pulizija. In oltre ghalkemm jirrizulta li ttiehdu proceduri fil-konfront ta' Robert Leslie Corney[19], biss l-imputazzjonijiet li bihom gie addebitat l-istess Corney ma jirrizultawx mill-atti, kif lanqas ma jirrizulta illi l-pulizija ressqet lill-istess Corney dwar traffikar ta' droga a bazi tax-xhieda tal-istess imputat. In oltre fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2010[20], l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti illi l-imputat kien ghamel stqarrija guramentata, izda l-pulizija f'dak l-istadju kienet ghadha ghaddejja bl-investigazzjonijiet taghha dwar l-istess. Sussegwentement, ma regghet inghatat l-ebda informazzjoni dwar dawn l-investigazzjonijiet. Ghaldaqstant, ma jirrizultawx ic-cirkostanzi li trid il-ligi biex jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[19] Ara l-verbali a fol. 22 u a fol. 47 tal-process.
[20] Ara l-verbal ta' din is-seduta a fol. 134 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, izda qed issibu hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghall-piena ta' tnax-il (12) xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum u multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas din is-somma fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fil-kors tal-inkjesta dwar dan il-kaz u fil-mori ta' dawn il-proceduri bis-segwenti mod: nofs l-ispejjez tar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, stante illi din ir-relazzjoni kienet tinkludi wkoll analizi ta' sustanza misjuba fuq terza persuna, ammontanti ghas-somma ta' sitta u dighin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm96.76) ekwivalenti ghal mitejn, hamsa u ghoxrin Euro u disgha u tletin centezmu (€225.39) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada ammontanti ghas-somma ta' mija u tmintax-il Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm118.59) ekwivalenti ghal mitejn, sitta u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€276.24).[21] B'kollox ghalhekk tali spejjez jammontaw ghas-somma ta' hames mitt Euro u wiehed u tlieta u sittin centezmu (€501.63), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien tliet (3) xhur mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas din is-somma fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita in konnessjoni mal-kaz odjern hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

---

[21] Il-Qorti mhijiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 1374 Edgar Dalli stante li l-analizi involuta tat ezitu negattiv.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna r-rilaxx tal-mobiles esebiti u formanti parti minn Dok PG 1 favur il-hati.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat